Nru. 17,451
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 29 ta' Lulju, 2003
Tuesday, 29th July, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 669

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,449 tat-22 ta' Lulju, 2003.

A.L. Nru. 184 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Science in Conservation Science - M.Sc.*

A.L. Nru. 185 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Gradi ta' *Doctor of Music - D.Mus.* - u *Master of Music - M.Mus.*

A.L. Nru. 186 ta' l-2003: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Income* minn Investiment.

A.L. Nru. 187 ta' l-2003: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-Ġdid.

A.L. Nru. 188 ta' l-2003: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv *(Income* minn Investiment).

Id-29 ta' Lulju, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 669

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,449 of the 22nd July, 2003.

L.N. No. 184 of 2003: Education Act (Cap. 327); Master of Science in Conservation Science - M.Sc. - Degree Course Regulations, 2003.

L.N. No. 185 of 2003: Education Act (Cap. 327); Doctor of Music - D.Mus. - and Master of Music - M.Mus. - Degrees Course Regulations, 2003.

L.N. No. 186 of 2003: Income Tax Act (Cap. 123); Investment Income (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 187 of 2003: Income Tax Act (Cap. 123); Reinvestment Tax Credit (Income Tax) Regulations, 2003.

L.N. No. 188 of 2003: Income Tax Act (Cap. 123); Collective Investment Schemes (Investment Income) (Amendment) Regulations, 2003.

29th July, 2003

Nru. 670

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SETGĦAT moghtija bl-artiklu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Silvio Camilleri, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali, mis-16 sat-18 ta' Lulju, 2003, iż-żewġ dati inklużi.

Id-29 ta' Lulju, 2003

No. 670

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Section 91 (1) and by Section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Silvio Camilleri, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 16th to 18th July 2003, both days inclusive.

29th July, 2003

Nru. 671

ĦATRA TA' AĠENT *ACCOUNTANT GENERAL* (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Fava	Accountant General *Accountant General*	Teżor *Treasury*	24-28.7.2003

Id-29 ta' Lulju, 2003

No. 671

APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, has approved the following acting appointment:–

29th July, 2003

Nru. 672

REGOLAMENTI TA' L-1998 DWAR IL-KONTROLL TA' XOGĦLIJIET TAN-NAR U ESPLOSIVI OĦRA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond paragrafu (1) tar-regolament 16 tar-Regolamenti ta' l-1998 dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ħatar bħala grupp ta' esperti, għal perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Awissu, 2003, biex jagħtuh il-parir dwar postijiet ristretti minn fejn jiġu sparati xogħlijiet tan-nar lil:-

Chairman
Il-Maġġur Mario Spiteri

Viċi Chairman
Is-Sur Albert Camilleri

Membri
Is-Sur Andrew Seychell
Is-Sur Annetto Portelli
Is-Sur Joseph Magro Conti
Is-Sur Mark Anthony Mifsud
Is-Sur Joseph Theuma

Id-29 ta' Lulju, 2003

No. 672

FIREWORKS AND OTHER EXPLOSIVES (CONTROL) REGULATIONS, 1998

IT is notified for general information that in terms of paragraph (1) of regulation 16 of the Fireworks and Other Explosives (Control) Regulations, 1998, the Minister for Justice and Home Affairs has appointed the following as a group of experts for a period of two years from 1st August 2003, to advise him on restricted sites from where fireworks may be let off:-

Chairman
Major Mario Spiteri

Vice Chairman
Mr Albert Camilleri

Members
Mr Andrew Seychell
Mr Annetto Portelli
Mr Joseph Magro Conti
Mr Mark Anthony Mifsud
Mr Joseph Theuma

29th July, 2003

Nru. 673

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD, 1994

Bord ta' l-Appelli tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 34 ta' l-Att dwar il-Valur Miżjud (Att XII ta' l-1994), il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi nnomina lis-Sur Vincent Saliba minflok is-Sur Joseph Bugeja bħala membru fuq il-Bord ta' l-Appelli tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Id-29 ta' Lulju, 2003

No. 673

VALUE ADDED TAX ACT, 1994

Value Added Tax Appeals Board

IN virtue of section 34 of the Value Added Tax Act (Act XII of 1994), the Minister of Finance and Economic Affairs has nominated Mr Vincent Saliba in lieu of Mr Joseph Bugeja as member of the Value Added Tax Appeals Board.

29th July, 2003

Nru. 674

BORD TA' SORVELJANZA GĦAS-SAĦĦA U GĦAS-SIGURTÀ

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Bord ta' Sorveljanza għas-Saħħa u għas-Sigurtà ġie kostitwit kif ġej għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Awissu, 2003.

Chairman
Is-Sur Ivan Scicluna, B.Elec. Eng. (Hons)

Membri
Is-Sur Frederick J. Wilson, GIFireE, MIIRSM, MIFPO
Is-Sur Kevin R. Abela, BE&A (Hons), A&CE

Segretarju
Is-Sur Patrick Murgo

Id-29 ta' Lulju, 2003

No. 674

HEALTH AND SAFETY MONITORING BOARD

IT is hereby notified for general information that the Health and Safety Monitoring Board has been constituted as follows for a period of one year with effect from 1st August, 2003.

Chairman
Mr Ivan Scicluna, B.Elec. Eng. (Hons)

Members
Mr Frederick J. Wilson, GIFireE, MIIRSM, MIFPO
Mr Kevin R. Abela, BE&A (Hons), A&CE

Secretary
Mr Patrick Murgo

29th July, 2003

Nru. 675

ATT TA' L-1989 DWAR IL-PROMOZZJONI TA' PRODOTTI LOKALI

(ARTIKOLU 9)

Eżenzjoni minn Ħlas ta' Imposta

NGĦARRFU b'din illi bis-sahha tas-setghat moghtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, il-Ministru responsabbli ghall-Industrija approva l-eżenzjonijiet li ġejjin minn ħlas ta' imposta.

Id-29 ta' Lulju, 2003

No. 675

LOCAL MANUFACTURES (PROMOTION) ACT, 1989

(SECTION 9)

Exemption from Payment of Levy

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred upon him by section 9 of the Local Manufactures (Promotion) Act, 1989, the Minister responsible for Industry has approved the following exemptions from payment of levy.

29th July, 2003

H.S. Code *H.S. Code*	**Importatur** *Importer*	**Deskrizzjoni tal-Prodott** *Product description*	**Kwantità** *Quantity*	**Data** *Date*
2105	Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd.	Ice cream for destruction	2362.68 kgs	03/06/03
2002.10.90.00	P.J. Sutters Co. Ltd.	Pomodori secchi (sun-dried tomatoes)	24 kgs	30/06/03
0210.19.81.00	Vivian Corporation Ltd.	Prosciutto Belmagro Dis.	51.34 kgs	30/06/03
		Prosciutto Borgoforte Pelatello	29.52 kgs	
		Prosciutto San Daniele Disossa	50.38 kgs	
		Coppa Tipo Parma Pelata 1/2	12.88 kgs	
		Speck Pusterese	36.70 kgs	
		Aff. Prosciutto Crudo 80gr	32.00 kgs	
		Coppa Tipo Parma 80gr	9.60 kgs	
		Affettato Misto cru-sal-co	8.75 kgs	
1602.49.19.00		Pastete Primavera 1/2 SV	68.38 kgs	
		Salame Cotto Cetriolo 1/2	34.74 kgs	
		Salame Cotto Al Pist 1/2	80.70 kgs	
		Pastete Olive 1/2 SV	27.42 kgs	
1602.31.90.00	Poultry Products Ltd.	Gust O'or Rotolo di Terracotta	5000 kgs	30/06/03
1602.32.30.00		Breaded chicken with ham & cheese Cordon Bleu	2000 kgs	
		Breaded chicken with spinach cutlets Spinacette	2000 kgs	
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	75 cases creamy garlic kievs	375 kgs	30/06/03
1602.31.30.00	Poultry Products Ltd.	Breaded turkey with ham/cheese 400g box Cordon Bleu	10000 kgs	30/06/03
		Breaded turkey with ham/cheese 100g/5kg bulk Cordon Bleu	5000 kgs	
1602.32.30.00	Paolo Bonnici Ltd.	40 cartons Cordon Bleu P & F	100 kgs	30/06/03
		40 cartons Cot. Mediterranea	112 kgs	

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
2103.20.00.91	Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd.	45 cases UB Sauce 2ST Sweet & Sour 540g 6 x 1	146.88 kgs	01/07/03
		30 cases UB 2ST Spicy Szechuan 520g 6 x 1	94.32 kgs	
		50 cases UB Sauce 2 Step Tikka Masala 500g 6 x 1	151.20 kgs	
		185 cases UB Sauce Tikka Masala 500g 6 x 1	558.33 kgs	
		370 cases UB Sauce Sweet & Sour Veg. 500g 6 x 1	1116.66 kgs	
		300 cases UB Sauce Sweet & Sour Pineapple 500g 6 x 1	905.40 kgs	
2309.90.97.00	Curmi Arabian Stud Co. Ltd.	50 bags foal pellets	290 kgs	01/07/03
		100 bags yearling cubes	600 kgs	
		50 bags yearling mix	325 kgs	
		40 bags stud cubes	220 kgs	
		50 bags stud mix	290 kgs	
		40 bags puregrow	350 kgs	
		150 bags easy mix	795 kgs	
2309.90.97.00	Curmi Arabian Stud Co. Ltd.	120 bags canter cubes	570 kgs	01/07/03
		250 bags canter mix	1400 kgs	
0203.29.55.00	Chef Choice Ltd.	Frozen pork ham trimmings boneless	2000 kgs	01/07/03
0207.14.60.00	Chef Choice Ltd.	Chicken thighs	10000 kgs	01/07/03
0203.22.11.00	Chef Choice Ltd.	Bone-in pork legs	6165 kgs	01/07/03
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	335 cases Cordon Bleu	964.80 kgs	01/07/03
		336 cases Cordon Bleu	1290.24 kgs	
0203.29.15.00	R & R Foods (Meat Company Ltd.)	Frozen pork spare ribs	4000 kgs	01/07/03
0203.29.15.00	C & K Ciappara Poultry Ltd.	Frozen pork spare ribs	4000 kgs	02/07/03
1602.32.30.00	Food Operations Ltd.	Pizza Hut chicken wings	400 kgs	09/07/03
		Pizza Hut Grand Pan chicken	800 kgs	
1602.42.10.00		Pizza Hut pepperoni topping	2000 kgs	
		Pizza Hut pork topping	1000 kgs	
1602.50.10.00		Pizza Hut beef topping	2400 kgs	
2103.90.90.10	General Provisions Co. Ltd.	420 cartons Uncle Bens Sweet & Sour 6 x 500g	1260 kgs	09/07/03
		80 cartons Sweet & Sour Pineapple	240 kgs	
0210.20.90.00	Attard & Co. Ltd.	Bresaola Fior di Freschezza	350 kgs	09/07/03

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
0409.00.00.00	Consolidated Biscuit Co. Ltd.	Mexican Yucatan honey	500 kgs	09/07/03
0210.19.81.00	P.J. Sutters Co. Ltd.	Speck Stagionato Quadro S.V.	198.037 kgs	10/07/03
2103.20.00.91	Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd.	20 cases UB 2ST Spicy Szechuan 520g 6 x 1	62.88 kgs	10/07/03
		45 cases UB Sauce 2 Step Tikka Masala 500g 6 x 1	136.08 kgs	
		50 cases UB Sauce Tikka Masala 500g 6 x 1	150.90 kgs	
		350 cases UB Sauce Sweet & Sour Veg. 500g 6 x 1	1056.30 kgs	
		105 cases UB Sauce Sweet & Sour Pineapple 500g 6 x 1	316.89 kgs	
2002.10.90.00	P.J. Sutters Co. Ltd.	Pomodori secchi (sun-dried tomatoes)	78 kgs	10/07/03
1602.32.30.00	Paolo Bonnici Ltd.	10 cartons chicken kievs	44 kgs	10/07/03
0210.19.81.00	Ancams Ltd.	300 pieces Speck	600 kgs	10/07/03
		500 pieces Prosciutto Montale	2750 kgs	
		500 pieces Prosciutto Montale	1350 kgs	
0210.20.90.00		240 pieces Coppa Tipo Parma	240 kgs	
0409.00.00.00	A. Cassar Torreggiani for De La Tour Ent. Ltd.	Natural honey	3000 kgs	10/07/03
0210.19.81.00	Vivian Corporation Ltd.	Coppa T. Parma Gr 80	4.80 kgs	10/07/03
		Speck Pusterese	10.35 kgs	
		Aff. P. Crudo	16.00 kgs	
		Prosciutto Belmagro Dis	40.31 kgs	
		Prosciutto Borgoforte	23.86 kgs	
		Prosciutto San Daniele Dis	52.40 kgs	
		Coppa Tipo Parma Pelata	8.01 kgs	
1602.49.19.00		Pastete Olive	17.18 kgs	
0203.29.15.00	Slais Co. Ltd.	Frozen pork spare ribs x 10 kgs	4000 kgs	10/07/03
1602.31.19.00	The Food House Ltd.	Marinated turkey rolls in brine	2000 kgs	10/07/03
0203.29.13.00	Quality Meat Products Ltd.	Pork collars bone-in	7088 kgs	11/07/03
0203.29.55.00		Pork legs boneless	1019 kgs	
		Pork shoulder bone-in	1950 kgs	

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
2103.90.90.10	Crown Cold Stores Ltd.	30 cartons 6 x 312g Mild Chunky Salsa Dip	56.16 kgs	14/07/03
		30 cartons 6 x 312g Hot Chunky Salsa Dip	56.16 kgs	
		5 cartons 6 x 250g Spicy Cheese Sizzler	7.50 kgs	
		30 cartons 12 x 290g Cheese Salsa Dip	104.40 kgs	
0401.30.91.00	Alfred Gera & Sons Ltd.	432 units double Devon cream 170 ml (chill storage)	73440 ml	14/07/03
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	80 cases creamy garlic kievs	400 kgs	14/07/03
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	101 cases creamy garlic kievs	505 kgs	14/07/03
0203.29.55.00	Chef Choice Ltd.	Pork tenderloins	1678 kgs	16/07/03
0710.80.51.00	Poultry Products Ltd.	Frozen sliced mixed peppers	3150 kgs	16/07/03
0203.29.55.00	Dewfresh Products Ltd.	Pork loin boneless rindless	5000 kgs	16/07/03
		Pork picnic shoulder boneless	8000 kgs	
		Pork collars boneless rindless	2850 kgs	
0202.30.90.00	J & C Pisani Ltd.	Frozen veal spare ribs	5000 kgs	16/07/03
0203.29.59.00	Prime Ltd.	Pork belly ribs	4000 kgs	16/07/03
0203.29.55.00	Tenderfresh Food	Pork collars boneless	1500 kgs	16/07/03
0203.29.59.00	Processing Ltd.	Pork collars bone-in	1000 kgs	
0401.30.11.00	Lawrence Quintano & Co. Ltd.	1170 cases Bayerland UHT coffee creamer x 10gr tubs	1404 kgs	16/07/03
0203.29.11.00	Prime Ltd.	Frozen pork collar boneless	2050 kgs	16/07/03
0203.29.55.00		Frozen pork shoulder boneless	8050 kgs	
		Frozen pork loins boneless	2050 kgs	
1602.31.11.00	Valhmor Borg Import/	Frozen turkey kebabs	8000 kgs	17/07/03
1602.31.19.00	Export Ltd.	Frozen marinated turkey rolls in brine	8000 kgs	
1602.31.30.00		Frozen cordon bleu	8000 kgs	

Nru. 676

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 676

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 274	George Borg	George Borg Ltd N/S off Triq San Ġwakkin Mriehel	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.3 51.4 51.9	17.07.03
CD/3209/2003 Pt 226	Sonia Micallef	Sonia's Hair Studio Triq Ignazio Saverio Mifsud Birkirkara	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI- Social and personal services*	93.021	18.07.03
CD/3209/2003 Pt 248	Carmel Grima	Rjali Store Ironmongery 81, Triq ir-Repubblika Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46	23.07.03
CD/3209/2003 Pt 141	Ivor Zammit	'Kartouche' No. 2, St. Anne Square Sliema	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11	24.07.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 211	Raymond Gatt	Ray's Garage No. 1 Triq il-Ġdida fi Triq ix-Xwieni Albertown Marsa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	24.07.03
CD/3209/2003 Pt 266	Noel Zampa	110, Naxxar Road Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	24.07.03
CD/3209/2003 Pt 268	Ivan Bartolo	Orbit Pet Shop 12 Triq Santa Monika Raħal Ġdid	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.10	24.07.03
CD/3210/2003 Pt 5	Joseph Gatt	Country Products 40, Triq Prinċep Bażilku Żebbuġ Malta	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15 51.3	24.07.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Id-29 ta' Lulju, 2003

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

29th July, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 64

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Għawdex

Nhar il-Ħamis, il-31 ta' Lulju, 2003, mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza u Pjazza Sabina.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

L-Imqabba

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Awissu, 2003, mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Bażilju, il-Langasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja u San Bażilju.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Karmenu Ciantar, in-Nazzarenu, Ħal Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, ix-Xantin, il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar u l-Pjazza tal-Knisja.

Nhar it-Tnejn, it-12 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Pjazza tal-Knisja, il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Għigo, il-Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Ħal Kirkop, is-Saljatura, il-Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano u Karmenu Ciantar.

Nhar it-Tlieta, it-13 ta' Awissu, 2003, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Pjazza tal-Knisja, il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa u San Bażilju.

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Awissu, 2003, mit-8.00 p.m. sas-1.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Pjazza tal-Knisja, San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar, il-Karmnu, Valletta, il-Parroċċa, it-Troll, is-Sejba, il-Qattar, il-Konvoj ta' Santa Marija u Santa Katerina.

POLICE NOTICE

No. 64

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Victoria - Gozo

On Thursday, 31st July, 2003, from 7.00 p.m. through the following streets: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza and Pjazza Sabina.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Mqabba

On Friday, 9th August, 2003, from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: San Bażilju, il-Langasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa and il-Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 10th August, 2003, from 8.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja and San Bażilju.

On Sunday, 11th August, 2003, from 8.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Karmenu Ciantar, in-Nazzarenu, Ħal Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, ix-Xantin, il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar and il-Pjazza tal-Knisja.

On Monday, 12th August, 2003, from 8.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Pjazza tal-Knisja, il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Għigo, il-Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Ħal Kirkop, is-Saljatura, il-Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano and Karmenu Ciantar.

On Tuesday, 13th August, 2003, from 8.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Pjazza tal-Knisja, il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa and San Bażilju.

On Wednesday, 14th August, 2003, from 8.00 p.m. to 1.30 a.m. through the following streets: il-Pjazza tal-Knisja, San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar, il-Karmnu, Valletta, il-Parroċċa, it-Troll, is-Sejba, il-Qattar, il-Konvoj ta' Santa Marija and Santa Katerina.

Nhar il-Ħamis, il-15 ta' Awissu, 2003, mill-10.00 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Pjazza tal-Knisja, il-Madonna tal-Ġilju, it-Troll, is-Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, San Bażilju, il-Langasa, Valletta, il-Fjuri, il-Karmnu, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira u l-Parroċċa.

Id-29 ta' Lulju, 2003

On Thursday, 15th August, 2003, from 10.00 a.m. to midnight through the following streets: il-Pjazza tal-Knisja, il-Madonna tal-Ġilju, it-Troll, is-Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, San Bażilju, il-Langasa, Valletta, il-Fjuri, il-Karmnu, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira and il-Parroċċa.

29th July, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 65

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

L-Imdina

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Awissu, 2003, bejn id-9.00 a.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Pawl, Pjazza ta' l-Arċisqof u Villegaignon.

Id-29 ta' Lulju, 2003

POLICE NOTICE

No. 65

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Mdina

On Saturday, 9th August, 2003, between 9.00 a.m. and midnight through the following streets: Pjazza San Pawl, Pjazza ta' l-Arċisqof and Villegaignon.

29th July, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar (Orthopaedics)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar (Orthopaedics)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (*Orthopaedics*) għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm8,798.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (Orhopaedics) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (Orthopaedics) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Orhtopaedics) carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and public holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:–

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:–

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassisti lill-*Consultant Orthopaedic Surgeon* fit-tmexxija ġenerali tal-pazjenti.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Orthopaedic Surgeon in the overall management of patients.

5.2. Il-persuna nominata trid tkun kapaċi tieħu ħsieb problemi ħfief ġenerali ta' l-Ortopedija u tkun familjari ma' *Orthopaedic Techniques* iktar avvanzati inkluż *joint replacement, arthoplasty* u *arthoscopy*. Trid tkun taf ukoll tieħu ħsieb *acute orthopaedic trauma* u tkun taf tieħu ħsieb emerġenzi akuti.

5.2. The appointee should be able to deal with basic general orthopaedic problems and be familiar with more advanced orthopaedic techniques, including joint replacement, arthoplasty and arthroscopy. He/She should also be able to deal with acute orthopaedic trauma and be able to take care of acute emergencies.

5.3. Il-persuna nominata trid taħdem skond *roster* stabbilit u trid tmexxi t-tobba li jkunu xogħol tal-għassa fl-ortopedija. Tkun trid tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar it-tmexxija ortopedika tal-pazjenti u tirreferi għall-Konsulent imsejjaħ għall-parir u direzzjoni skond kif ikun meħtieġ u xieraq.

5.3. The appointee will perform duties according to established roster and will lead the orthopaedic team on duty. He/She will take all the relevant decisions involving orthopaedic management of patients and will refer to the Consultant "on call" for advice and direction as necessary and appropriate.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni organizzati mid-Dipartiment ta' l-Ortopedija kif meħtieġ u tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or post-graduates organized by the Department of Orthopaedics and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman*, Dipartiment ta' l-Ortopedija u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.5. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Chairman, Department of Orthopaedics, and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

5.6. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. L-applikanti għandhom:–

6. Applicants must be:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(a) citizens of Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika oghla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Ortopedija (*e.g. FRCS* jew kwalifika ekwivalenti approvata) u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' l-esperjenza fl-ispeċjalità ta' l-Ortopedija wara li jiksbu din il-kwalifika msemmija hawn fuq;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Puliżija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Awissu, 2003.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21 242 884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in Orthopaedics (e.g. FRCS or an approved equivalent qualification) and three years postregistration experience in the speciality of Orthopaedics following the attainment of the above-mentioned qualification;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General Health, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 22nd August, 2003.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21 242 884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar* (Anestesija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta' *Senior Registrar* (Anestesija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Is-salarju għall-post ta' *Senior Registrar* (Anestesija) ikun ta' Lm7,148 fis-sena li jiżdied b'Lm275 sa massimu ta' Lm8,798.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:–

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata trid tagħmel xogħol fid-Dipartiment ta' l-Anestesija u tkun mistennija wkoll li tipprovdi kura lill-pazjenti fl-*Intensive Care Unit*.

5.2. Il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel kull *theatre list* u li turi interess speċjali f'*subspeciality* ta' l-Anestesija.

5.3. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi inizjattiva u innovazzjoni u li tuża metodi moderni ta' *epidural analgesia* u ta' serħan mill-uġigħ wara l-operazzjonijiet.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li taħdem u li tieħu deċiżjoni waħedha fil-qasam kliniku.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (Anaesthesia) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified medical practitioners for the posts of Senior Registrar (Anaesthesia) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Anaesthesia) carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:–

(a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will perform duties in the Department of Anaesthesia and will be expected also to provide patient care in Intensive Care Unit.

5.2. The appointee will be expected to perform any theatre list and to show a special interest in an anaesthetic subspeciality.

5.3. The appointee will be expected to show initiative and innovation and to provide modern methods of epidural analgesia and post-operative pain relief.

5.4. The appointee will be expected to work and take decisions in the clinical field.

5.5. Il-persuna nominata tkun trid li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

5.7. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenża biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija (*F.C. Anaesthesia* jew kwalifika ekwivalenti approvata);

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Awissu, 2003.

5.5. The appointee will be expected to participate in any teaching or training programme for undergraduates or post-graduates as required and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.6. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in Anaesthesia (e.g. F.C. Anaesthesia or an approved equivalent qualification);

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 22nd August, 2003.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data talgħeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata millapplikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 - 21 242 884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-29 ta' Lulju, 2003

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

29th July, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *EU ICT in Public Administration Co-Ordinator fis-Central Information Management Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-mili tal-pożizzjoni ta' *EU ICT in Public Administration Co-ordinator* fis-*Central Information Management Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala EU ICT in *Public Administration Coordinator,* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin, suġġett għal servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *EU ICT in Public Administration Co-ordinator* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm fil-każ li l-kuntratt tagħha ma jkunx imġedded jew ikun terminat.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-iskala applikabbli għal din il-pożizzjoni, hija tkun mistennija li tħalli d-dmirijiet ta' *EU ICT in Public Administration Co-ordinator* u tkun trasferita għad-dmirijiet li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of EU ICT in Public Administration Co-Ordinator in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of EU ICT in Public Administration Co-ordinator in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as EU ICT in Public Administration Co-ordinator, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as EU ICT in Public Administration Co-ordinator during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a public officer, he/she will retain the substantive grade during the contractual period and will return to the substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a public officer, service with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period is appointed to a grade with a salary scale higher than the scale applicable to this position, the officer will be required to relinquish the duties of EU ICT in Public Administration Co-ordinator and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3.1. Is-salarju tal-pożizzjoni ta' *EU ICT in Public Administration Co-ordinator* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa Lm7,652 fis-sena). Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju u l-*allowances* dovuti għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2. Titħallas *market correctivity allowance* negozjabbli skond il-kwalifiċi u t-*track record* tal-persuna magħżula.

4. Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tal-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer* jew inkella tista' tiġi mniżżla mill-*Website* tas-CIMU www.cimu.gov.mt jew tiġi mitluba permezz ta' l-*e-mail* fuq l-indirizz cimu@gov.mt.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) Ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) Ikollhom livell ta' edukazzjoni ta' *first degree* (jew kwalifika professjonali rikonoxxuta), preferebbilment fil-*Public Administration, Business Management, Information Management and IT* jew EU Affairs;

JEW

ikollhom ta' l-inqas tliet (3) snin esperjenza rileventi ta' xogħol f'ambjent formali u matur ta' l-informatika;

(ċ) Ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma mpjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

6. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-pożizzjoni.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija addattata għal din il-pożizzjoni.

